VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,912, 8 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 148 tal-2012

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 31.18

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, taħt l-Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf u l-Isem kimiku li jikkorispondi miegħu, il-partita:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"MMDA	dl-5-methoxy-3,4-methylenedioxy-∝-methylphenylethylamine"

għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"MMDA	2-methoxy-*alpha*-methyl-4,5-(methylenedioxy)phenethylamine".